Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Marzu 2017
(OR. en)

6981/17

DEVGEN 34
CLIMA 55
ENER 98
COPS 82
CFSP/PESC 224
ENV 226
ONU 37
RELEX 208
CSDP/PSDC 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Marzu 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6626/17
Suġġett:	L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE - tisħiħ tas-sinerġiji bejn id-diplomaziji tal-UE fil-klima u fl-enerġija u elementi għal prijoritajiet 2017 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Marzu 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness għal din in-nota l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE - tisħiħ tas-sinerġiji bejn id-diplomaziji tal-UE dwar il-klima u l-enerġija u elementi rigward il-prijoritajiet għall-2017, kif adottati mill-Kunsill fit-3525 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Marzu 2017.

ANNESS

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE - tisħiħ tas-sinerġiji bejn id-diplomaziji tal-UE fil-klima u fl-enerġija u elementi għal prijoritajiet 2017

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015 u l-15 ta' Frar 2016 2016 li jkomplu jiggwidaw il-ħidma komuni tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar id-diplomaziji fl-enerġija u fil-klima, il-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi għad-Diplomazija tal-UE dwar l-Enerġija u għad-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima, kif ukoll il-konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (SGUE) tas-17 ta' Ottubru 2016, li jappellaw għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konġunti f'dawn l-oqsma, u l-konklużjonijiet dwar l-Enerġija u l-Iżvilupp tat-28 ta' Novembru 2016, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ strateġiku tal-UE.

2. Filwaqt li jfakkar il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija, u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kunsill jissottolinja li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-appoġġ ta' futur reżiljenti u newtrali mil-lat ta' klima kif ukoll il-promozzjoni tat-transizzjoni globali għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, ekonomiji reżiljenti għat-tibdil fil-klima, kompetittivi u sostenibbli u s-sigurtà tal-enerġija huma objettivi li jsaħħu lil xulxin u jikkostitwixxu partijiet integrali tas-SGUE.

3. Il-Kunsill jifraħ lin-Nazzjonijiet Uniti u l-Presidenza Marokkina tal-COP 22 għall-isforzi sinifikattivi tagħhom biex il-COP 22 tirnexxi u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Presidenza ta' Fiġi tal-COP23 li jmiss. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi kif turi l-ambizzjoni tiegħu li tbiddel l-għanijiet tal-klima f'azzjoni għall-klima, u jenfasizza l-appoġġ kontinwu tiegħu biex jinżamm dan il-momentum pożittiv fil-proċessi tal-UNFCCC u f'fora internazzjonali oħra dwar il-klima, fost l-oħrajn billi jinżamm is-sens ta' sjieda globali tal-Ftehim ta' Pariġi. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tibqa' minn tal-ewwel fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u fit-transizzjoni għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ekonomiji reżiljenti għall-klima. Jitlob ukoll lill-Ewropa ssir il-mexxejja dinjija fl-enerġija rinnovabbli, inkluż ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji.

4. F'konformità mal-Ftehim ta' Parigi, l-Aġenda 2030 u l-Proklamazzjoni tal-Azzjoni ta' Marrakech li affermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tad-dinja li tiġġieled it-tibdil fil-klima u kkonfermaw l-irreversibbiltà tat-transizzjoni għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ekonomiji u soċjetajiet reżiljenti għall-klima, il-Kunsill beħsiebu wkoll isaħħaħ id-Diplomazija tal-UE fil-Klima u jżomm it-tibdil fil-klima bħala prijorità strateġika fid-djalogi diplomatiċi, filwaqt illi jqis l-aħħar żviluppi u x-xena ġeopolitika li dejjem qed tinbidel. Il-Kunsill jistieden lin-Netwerk Diplomatiku Ekoloġiku tal-UE jaġġorna l-Pjan ta' Azzjoni attwali għad-Diplomazija dwar il-Klima malajr kemm jista' jkun, bil-ħsieb li jiġu implimentati dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill matul l-2017/2018.

5. Il-Kunsill huwa ddeterminat li jsaħħaħ is-sinerġiji u l-azzjonijiet konġunti fejn xieraq bejn l-elementi rilevanti tad-diplomaziji tal-UE u tal-Istati Membri fil-klima u l-enerġija. Dan jinkludi użu aħjar tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja u teknika tal-UE u tal-Istati Membri, u t-tisħiħ tar-rabtiet ma' oqsma importanti oħra ta' politika, fosthom id-diplomazija ekonomika, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, is-sikurezza nukleari, il-migrazzjoni, is-sigurtà tal-ikel u l-ilma, riżorsi tal-oċeani u tal-baħar, il-livell ta' tħejjija għad-diżastri, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Id-Delegazzjonijiet tal-UE f'koordinazzjoni ma' ambaxxati tal-Istati Membri għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-promozzjoni ta' aktar azzjonijiet konġunti.

6. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' sħubijiet kontinwi u mfassla apposta ma' pajjiżi terzi, kif ukoll ma' atturi mhux statali, fosthom l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, bl-għan li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Parigi u l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u biex titrawwem ir-rabta tal-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali ma' strateġiji nazzjonali għall-iżvilupp, u t-traduzzjoni tagħhom f'politika u miżuri li tista' tittieħed azzjoni fuqhom fis-setturi kollha tal-ekonomija. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-impatt ekonomiku pożittiv tat-transizzjoni għal ekonomiji b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra għall-atturi ekonomiċi tal-UE u ta' pajjiżi terzi madwar id-dinja kif ukoll l-importanza li jitjiebu l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli sabiex jiġi żgurat aċċess universali għall-enerġija sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iqis li l-azzjoni tad-diplomaziji fil-klima u fl-enerġija f'pajjiżi tal-G20 – li huma responsabbli għal madwar 80 % tal-emissjonijiet globali – ser tkun partikolarment importanti, filwaqt li jagħraf l-importanza li nkomplu nappoġġaw u naħdmu flimkien ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni u adattament tagħhom.

7. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll l-inklużjoni attiva tal-għanijiet tal-UE fil-klima u fl-enerġija fi sħubijiet tal-UE mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, il-Banek għall-Iżvilupp, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra kif ukoll fi ħdan organizzazzjonijiet u fora multilaterali oħra, filwaqt li tingħaraf l-importanza tar-riżorsi indiġeni kollha u teknoloġiji sikuri u sostenibbli ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Enerġija.

8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' diplomazija fil-qasam tal-enerġija li tappoġġa l-isforzi li jiżguraw enerġija sostenibbli, kompetittiva, sigura, sikura u bi prezz raġonevoli f'termini tad-diversifikazzjoni tas-sorsi, il-fornituri u r-rotot, kif ukoll aċċess universali għall-enerġija sostenibbli, filwaqt li jiġu segwiti l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija f'konformità mad-dimensjoni esterna tagħha, u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi bbażati fuq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, għadha importanti l-għoti ta' gwida permezz ta'involviment regolari ta' livell għoli. Il-Kunsill jagħraf ukoll kif it-transizzjoni għal enerġija nadifa trawwem opportunitajiet ekonomiċi, is-sigurtà tal-enerġija, is-sigurtà tal-klima, il-prosperità kif ukoll ir-reżiljenza statali u tas-soċjetà, u jtenni l-importanza li jiġi intensifikat l-involviment ma' atturi mhux statali bħall-awtoritajiet lokali, in-negozji, l-NGOs, is-soċjetà ċivili, il-komunità tas-sigurtà u l-komunità xjentifika. Dwar is-sigurtà nukleari l-UE għadha ddedikata għall-promozzjoni u t-titjib kontinwu tal-ogħla livell ta' standards fil-pajjiżi terzi.

9. B'mod partikolari, il-Kunsill jenfasizza l-urġenza li nikkonċentraw fuq l-effetti potenzjali ta' destabbilizzazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-implikazzjonijiet fuq l-iżvilupp tal-faqar fl-enerġija fuq ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-migrazzjoni, u li l-ħidma tiegħu tiġi integrata fl-Għanijiet kollha ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari fl-għanijiet 13 dwar il-Klima, 7 dwar l-Enerġija Sostenibbli, 16 dwar il-Paċi, 6 dwar l-Ilma Nadif u s-Sanitazzjoni u 2 dwar is-Sigurtà tal-Ikel. Mill-G7 u G20 għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'fora internazzjonali oħra, billi jibnu fuq inizjattivi eżistenti, l-UE u l-Istati Membri għandhom jaħdmu għal aktar għarfien, analiżi u ġestjoni tar-riskji tat-tibdil fil-klima u jappoġġaw lis-sħab tal-UE madwar id-dinja biex jifhmu aħjar, jintegraw, jantiċipaw u jieħdu ħsieb l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-istabbiltà tal-pajjiżi, is-sigurtà internazzjonali u l-ispostament tan-nies.

10. Il-Kunsill jenfasizza li d-diplomaziji tal-UE fl-oqsma tal-klima u l-enerġija jridu jkomplu jħeġġu u jappoġġaw inizjattivi f'pajjiżi vulnerabbli li huma milquta mill-impatti tat-tibdil fil-klima kif ukoll minn nuqqas ta' enerġija sikura u sostenibbli, jew aċċess irregolari għaliha. L-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jipprovdu riżorsi finanzjarji, trasferiment tat-teknoloġija u bini ta' kapaċità biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'li jiġi żgurat li l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tagħha u ż-żieda fl-aċċess għal enerġija sostenibbli jiġu integrati fil-livelli rilevanti kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-iżvilupp, bi tkomplija tal-impenji eżistenti tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet importanti f'termini ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn diversi sorsi, fosthom il-Fond Ekoloġiku għall-Klima, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u banek ta' żvilupp multilaterali kif ukoll għall-finanzjamenti privat f'dan ir-rigward iridu jiġu enfasizzati u sostnuti, filwaqt li jitqies l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u l-iżvilupp reżiljenti għall-klima.